**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Maria Schembri

Vs

Comforabita

CCT 197/20/MM

Illum, 9 ta' Jannar 2024

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti ppreżentat fis-17 ta' Diċembru 2020 fejn talbet is-somma ta' erba' mija u tmienja u sebgħin Ewro (€ 478), prezz ta' istallazzjoni u konsenja u dan minħabba li allegatament il-bibien ordnati mir-rikorrenti ma kienux dawk ordnati.

Ra r-risposta u l-kontro-talba tas-soċjeta' intimata ppreżentati fit-8 ta' Marzu 2021, fejn ikkontestat it-talba għal diversi raġunijiet, inkluż iżda mhux limitatament għall-fatt li r-relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet kienet kompluta, li l-bibien huma dawk effettivament ordnati mir-rikorrenti, filwaqt li talbet il-ħlas ta' erba' mija u tmienja u sebgħin Ewro (€ 478), prezz ta' istallazzjoni u konsenja li effettivament qatt ma ġew imħallsa mir-rikorrenti.

Ra l-atti kollha tal-proċess.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

**Ikkunsidra**

Illi fl-ewwel lok dan it-Tribunal jinnota li effettivament ir-rikorrenti mhijiex qegħda titlob rifużjoni tal-prezz tal-bibien li allegatament ma humiex dawk ordnati minnha iżda sempliċiment li hija ma tħallasx tal-konsenja u l-istallazjoni. Dan hu konfermat mill-istess kontro-talba tas-soċjeta' intimata fejn qegħdin jitolbu l-istess ammont indikata ta' Euro 478 wara li ħareġ ampjament mill-provi li l-istess ġie mħallas mill-intimata mit-terz u effettivament qatt ma tħallas mir-rikorrenti.

**Ikkunsidra**

Ir-rikorrenti ssottomettiet illi f'Lulju 2020, ordnat xi bibien mingħand is-soċjeta' intimata liema ftehim ġie espress f'kuntratt datat 10 ta' Lulju 2020. Illi wara li waslu l-bibien u twaħħlu fil-post, ir-rikorrenti irealizzaw li dawn il-bibien ma kienux dawk li ordnaw huma stante li kellhom karrateristika partikolari differenti. Illi huwa xtaqu bibien bħal tal-mudell KOS iżda mingħajr 'il wood effect'. Illi huma jsostnu li s-soċjeta intimata qaltilhom li dak li xtaqu huma jisejjaħ mudell Elba Easy. Ir-rikorrenti jisħqu li huma ordnaw il-bibien mingħand is-soċjeta rikorrenti preċiżament għax kien qalilhom li seta' jipprovdilhom il-bibien kif xtaqu huma, fil-fatt huma jgħidu li raw bibien bħal dawk li eventwalment twaħħlu għandhom, għand ħanut ieħor ġewwa l-Mosta iżda ma xtrawx minn hemm għax ma kienux kif riedu huma.

Illi minn naħa l-oħra, s-soċjeta intimata twieġeb li bejnha u bejn ir-rikorrenti hemm kuntratt li minnhu jemanixxu l-obligazzjonijiet li jorbtu liż-żewġ partijiet. Tgħid li r-rikorrenti raw il-prodott u kienu kuntenti bil-bibien u li kieku ma kienux kuntenti ma kienux sejrin iħallu lill-ħaddiema jwaħħluwhom.

Illi permezz tal-kontro-talba s-soċjeta' intimata qegħda titlob li r-rikorrenti jħallsu dak miftiehem bejniethom għall-konsenja u l-istallazzjoni tal-bibien. Ma jidhirx li r-rikorrenti irrispondew għal kontro-talba.

**Ikkunsidra**

Illi l-partijiet xehedu u ppreżentaw diversi korrispondenza bejn il-partijiet li minnhom dan it-Tribunal joħroġ dawn l-ispunti:

**1.**Illi ll-kuntratt ġie ffirmat liberament u minkejja li kien bit-Taljan jidher li r-rikorrenti jafu l-lingwa Taljana stante li f'xi okkażżjoniiejt saret korrispondenza bil-lingwa Taljana.

**2.**Illi r-rikorrenti jikkonfermaw li l-bibien huma sbieh u ddeċidew li jżommuwhom iżda jippretendu tnaqqis fil-prezz stante li dawn ma kienux il-bibien li ġew ordnati.

**3.**Illi ħlief għall-kelma tagħhom ma hemm l-ebda prova dokumentarja li tissostanza l-verzjoni tar-rikorrenti li effettivament huwa verament ordnaw bibien differenti minn dawk li rċevew. Għall-kuntrarju l-bibien li ġew konsenjati lilhom jaqblu mad-deskrizzjoni li hemm fil-kuntratt datat 10 ta' Lulju 2020.

**4.**Illi minkejja li r-rikorrenti jsostnu li marru madwar ħames (5) ġewwa s-showroom għax kellhom suspett li ma kienux qed jiftehmu u li ma kienux konvinti li l-bibien kienu ser jiġu kif xtaquhom huma, biss ma jirriżultax li dwar dan hemm xi prova għajr il-kelma tar-rikorrenti.

**5.**It-Tribunal josserva li l-partijiet naqsu li jagħmlu kontro-eżamijiet lil xulxin li x'aktarx kien opportun li jsir stante li l-mertu jolqot ċirkostanzi li dwarhom m'hemmx provi dokumentarji.

**Ikkunsidra**

Illi huwa mill-ewwel evidenti illi x-xorta ta' azzjoni esperita mir-rikorrenti hi dik li l-bibien minnhom komprati ma kienux tal-kwalita mweghda. Fi kliem iehor huma qeghdin jallega inadempjenza kontrattwali da parti tas-socjeta` intimata u, allura, qeghdin jippretendu d-danni.

Kif osservat, in linea generali d-danni ghandhom tifsira x'aktarx allargata minn dik tas-semplici restituzzjoni tal-prezz jew tar-rimpjazzament ta' l-oggett mixtri. Dan, izda, ma jfisserx, imbaghad, illi d-danni ma humiex komprensivi tar-rifuzjoni tal-prezz jew tar-rimpjazzament ta' l-oggett jekk ix-xerrej ikun illimita ruhu ghal xi wahda jew ohra minn dawn l-opzjonijiet. Ara a propozitu d-decizjoni tal-Qorti tal-Appel fl-ismijiet "**Karl Francica -vs- Luke Piscopo et**", 9 ta' Jannar, 2009.

Premess dan, hu accettat illi meta l-bejgh ma jkunx skond dak imwiegħed ossija l-oggett mixtri ma jkunx konformi ghall-ftehim appattwit jew ghax ukoll difformi ghall-kampjun, il-kompratur jista' jitlob ir-rizoluzzjoni tal-kuntratt avolja jkun rceva l-oggett tal-bejgh. Dan huwa hekk "*in quanto che la cosa per cui consentiva risultò essere tutt'altra che quella dedotta in contratto ... una cosa diversa da quella che era contemplata nel contrattare, e per cioe` non si concederebbe una azione redibitoria ma quella di nullita`, avente per base la cosa pattuita nel consenso del compratore"*. ("**Commerciante Michele Grima -vs- Negoziante Arturo von Kohen**", Qorti tal-Kummerc, 28 ta' Frar, 1884. Ara wkoll fejn si tratta ta' bejgh mhux konformi ghall-kampjun is-sentenza fl-ismijiet"**Joseph Hanauer nomine -vs- Giovanni Maria Debono**", Appell Kummercjali, 11 ta' Ottubru, 1915);

Evidentement, il-qawwa ta' din il-prospettazzjoni tinhass aktar f'materja ta' rapport kummercjant-konsumatur skond ma jinzel mid-dispost ta' l-Artikolu 73 (1) ta' l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur. L-intensita ta' dan il-provvediment ghat-tutela tal-konsumatur huwa talment estiz li joffri assikurazzjoni lix-xerrej billi jimponi obbligu fuq il-bejjiegh illi l-oggetti "*ikunu konformi mad-deskrizzjoni moghtija mill-kummercjant u jkollhom il-karatteristici, il-fattizzi u l-kwalitajiet ta' l-oggetti li l-kummercjant ikun wieghed jew xort'ohra ipprezenta lill-konsumatur bhala kampjun jew mudell* (subpara. "a"*), ikunu adatti ghall-iskop partikulari li*

*ghalih il-konsumatur ikun jehtieghom* (subpara. "b*"), ikunu adatti ghall-iskop li ghalih oggetti ta' l-istess tip normalment jintuzaw (*subpara "c") *u juru l-kwalita u l-kapacita li huma normali f'oggetti ta' l-istess tip u li l-konsumatur jista' ragonevolment jistenna ...* (subpara "d");

It-Tribunal iħoss b'konvinzjoni li għandu jistqarr illi mhux sodisfatta mill-argumenti tar-rikorrenti u fuq bilanċ ta' probabbilita jidhirlu li l-linja difensjonali tas-socjeta` intimata hija iktar verosimili jew plawsibbli. Fic-cirkostanzi, it-Tribunal ihoss li għandu jaccetta bħala leġittimu u gustifikat l-ilment tas-soċjeta rikorrenti ghal liema ser tipprovdi l-provvediment infraskritt.

**DECIDE**

Ghal motivi senjalati dan it-Tribunal qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti u jilqa' l-kontro-talba u jordna lir-rikorrenti jħallsu lis-soċjeta' intimata s-somma ta' erba mija u tmienja u sebgħin ewro (€478) rappreżentanti l-ħlas dovut għall-konsinja u nstallazzjoni ta' bibien ordnati minnhom bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Avv. Dr Martha Mifsud

Arbitru